Minuti tal-21 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 23 ta' April, 2014. Il-laqgha nbdiet hin 3.35pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | CarmenVella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Shirley-Anne Cecchini |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli Depasquale |

Lisa Marie Brooke kienet infurmat li ma' setghetx tattendi u ghalhekk kienet qeghda tigi skuzata.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tad-19 u 20 laqgha**

1.1 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni fuq il-punt numru 2.1 tal-Minuti tad-19 laqgha dwar il-gbir ta' l-iskart fejn hu ma jabilx li m'ghadx baqa' tgergir ghax fil-fatt huwa kienu ghadu jircievi ilmenti.

1.2 Il-Minuti gew,approvati u ffirmati bhala document korrett.

**2.0 Proceduri tal-laqghat**

2.1 Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv sabiex tqassam kopja tal-Proceduri tal-laqghat fejn il-membri prezenti kollha inghataw kopja taghhom.

2.2 Is-Sindku gibed l-attenzjoni tal-membri kollha prezenti li dawn il-proceduri ghandhom jigu osservati u ghalhekk talab lill-membri sabiex kollha jaqrawhom sewwa. Huwa zied jghid li mhux ser jippermetti li jsiru diskussjonijiet jekk mhux skond il-proceduri.

**3.0 Xiri ta' Eko-Cab u Eko-Truck**

3.1 Is-Sindku spjega li din il-materja kienet giet diskussa waqt il-laqgha li kienet saret mall-Ministru ghal Ghawdex f'Marzu li ghadda. Waqt din l-imsemmija laqgha kienet giet moghtija l-approvazzjoni sabiex dawn il-vetturi ikunu jistghu jinxtraw anke *second hand.* L-importanti biss li jkunu tnejn u mhux wahda. Huwa ghalhekk li s-Sindku talab lill-Kunsill li jekk kulhadd jaqbel il-Kunsill ikun jista' jimxi b'dan il-mod.

3.2 Emanuel Muscat qal li huwa kien tkellem ma' Gabriella Cassola li kienet responsabbli mix-xiri ta' vetturi simili ghan-nom tal-Gvern Centrali fejn minn informazzjoni li huwa kellu vetturi godda jiswew bejn €10,000 u €17,000. Huwa zied jghid li huwa ma jaqbilx li l-karozzi jinxtraw second hand ghar-raguni li l-

batterija taghhom li hija l-iktar haga importanti taghhom tkun diga naqqset hafna mill-hajja taghha. F'kaz ta' vetturi godda il-batterija ikollha garanzija ta' 10 snin.

3.3 Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg din l-offerta' sabiex jinxtraw vetturi second hand pero' jekk finanzjarjament ikun possibli dawn ghandhom jinxtraw godda.

3.4 Shirley Anne Cecchini staqsiet dwar ic-*charging points* taghhom fejn is-Sindku spjega li meta fil-passat kien gie avvicinat il-Kunsill, il-Kunsill kien qabel li ssir jew wahda fil-Pjazza jew fejn il-Kunsill. Emanuel Muscat qal li minn informazzjoni li ghandu hu ser tehel wahda fejn Ta' Dbiegi Crafts Village kif ukoll ohrajn li ser ikunu imxerda madwar Ghawdex. Il-Kunsill qabel li ghanda issir wahda quddiem il-Kunsill.

**4.0 Sejha ghal Segretarju Ezekuttiv**

4.1 Is-Sindku spjega li s-Segretarju Ezekuttiv Joanne Apap Attard halliet x-xoghol taghha minn Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali l-Gharb u talab lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv sabiex jaqra l-korrispondenza li intbghatet minghand s-Sinjura Joanne Apap Attard fejn fost l-ohrajn irringrazzjat lill-Kunsill tax-xoghol li offriela u li dejjem wettqet b'ghozza u impenn. Hija awgurat lill-Kunsill successi u kisbiet b'risq il-lokalita'.

4.2 Is-Sindku spjega li issa trid tinhareg sejha ghall-Segretarju Ezekuttiv fejn hemm linji gwida li wiehed irid jimxi maghhom. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinbdew il-proceduri sabiex jinhatar Segretarju Ezekuttiv gdid ghall-Kunsill mill-aktar fis possibli.

**5.0 Pagamenti**

5.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

**6.0 Korrispondenza**

6.1 Emanuel Muscat staqsa dwar iz-Zjara tal-Progett taz-Zghazagh li saret f'Enna. Is-Sindku spjega li din kienet ga giet diskussa waqt laqgha li saret fil-bidu tas-sena fejn iz-zjara kellha issir fi Frar pero' giet posposta mill-Project Leader. L-Ambaxxatur tal-lokalita' kien gie mitlub sabiex javvicina liz-zghazagh b'mod partikolari dawk li kienu attendew ghas-seminar li kien gie organizzat parti minn dan il-progett. Il-Kunsill ippartecipa f'dan il-progett permez ta' progett proposta dwar gharfien ghat-turisti li jzuru l-lokalita'. Huwa kompla billi spjega li l-progett sottomess kienu jinkludi installazzjoni ta' bar codes li x'hin tmur fuqhom bil-mobile jaghtuk informazzjoni dwar il-post li tkun fih dak il-hin.

6.2 Minghand il-MEPA bil-korrispondenza segwenti:-

PA00941/14 – To amend permission PA2488/08 by changing layout of pharmacy, changing design of facade and sign and adding first floor and room at roof level. Il-Kunsill iddiskuta din l-applikazzjoni u qabel li ghandha issir oggezzjoni peress li tinsab f'main road u ghalhekk tista' tohloq inkonvenjent u ghalhekk ser jigi avvicinat il-Perit Edward Scerri sabiex jaghti l-gwida tieghu f'dan ir-rigward.

PA1180/14 – Change of use from dwelling (which had permission PA1595/03 for an editing studio) into a Class 4B convenience shop and fixing of signs). Il-Kunsill iddiskuta din l-applikazzjoni u bhal fil-kaz tal-Applikazzjoni PA941/14, dan il-post jinsab f'main road u ghalhekk ser johloq inkonvenjenza. Il-Kunsill kien infurmat b' korrispondenza li waslet minghand is-sidien ta' l-istabilimenti f'Ta' Dbiegi liema ittra inqrat mid-Deputat Segretarju Ezekuttiv fejn talbu l-assitenza tal-Kunsill sabiex joggezzjona ghal dan il-permess peress li dan qieghed f'main road, qed jipproponi li jsir xoghol ta' artigjanat filwaqt li ftit passi boghod diga jesisti centru tas-snajja li ilu imwaqqaf ghal diversi snin u ser johloq inkonvenjent anke b'mod partikolari peress li ser jiequ l-buses, minibus etc f'triq li ma tippermettix dan. Kien innotat ukoll li f'dan il-post hemm bus stop u sabiex jigi evitat li jaghti lok li jiequ l-buses privati issugerixxa sabiex din ticcalaq. Emanuel Muscat qal li skond kif jaf hu l-bus stops jistghu jieqfu fuqhom biss it-Transport Pubbliku. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi avvicinat il-Perit Edward Scerri sabiex jaghti l-gwida tieghu biex issir oggezjoni f'dan ir-rigward u jigi verifikat min jista' jieqaf fuq il-bus stops.

Gew tratti ukoll s-segwenti permessi:- PA1100/14, PA1137/14, PA675/14, PA692/14, PA871/14, PA907/14, PA931/14

6.3 Minghand Ray Abela fir-rigward ta' korsijiet tas-sajf fil-computer. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi innotat jekk il-budget jippermettix dan u fil-kaz dan jerga' jigi diskuss.

6.4 Minghand il-Physically Handicapped Rehabilitation Fund fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex jghin fi gbir ta' fondi.

6.5 Minghand il-Malta Tourism Authority fir-rigward tal-Malta International Fireworks Festival 25-30th April, 2014.

6.6 Minghand Kirsty Agius fir-rigward ta' servizzi ta' ghalliema li hija qeghda toffri ghal korsijiet ta' Malti ghall-barranin u student tal-Malti. Il-Kunsill qabel li ghandha tigi avvicinat Is-Sinjura Agius sabiex tintalab ir-rata li hija qed titlob.

6.7 Minghand il-Fondazzjoni Valletta 2018 fejn il-Kunsill gie infurmat li ser isiru laqghat mall-Kunsill bil-kollaborazzjoni ta' l-Assocazzjoni tal-Kunsill Lokali u tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar progetti u programmi li jaghtu gieh lil-lokalitajiet.

6.8 Minghand il-MEPA dwar document konsultattiv dwar l-efficjenza tas-sistema ta' l-Ippjanar. Id-dokument gie imdawwar madwar il-mejda biex ikunu jistghu jaraw il-Kunsilliera.

6.9 Minghand il-Pontificial Mission Societies fir-rigward ta' talba ghal ghajnuna ghal gbir ta' donazzjonijiet b'risq il-Missjoni.

6.10 Minghand l-Australian Association fejn il-Kunsill gie avvicinat sabiex jekk irid ikun jista' jidhol membru ma' din l-Assocjazzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab lil din l-Assocjazzjoni x'beneficcji igawdi minnhom il-Kunsill jekk jeddiciedi li jidhol membru.

**7.0 Materji ohra**

7.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ghadu kif ircieva l-Audited Financial Statements u ta' spjegazzjoni taghhom. Il-Kunsill approva l-Audited Financial Statements u qabel li ghandhom jigu iffirmati.

7.2 Is-Sindku informal ill-Kunsill li huwa gie avviinat fir-rigward tas-Summer Club li s-sena l-ohra kien sar bil-kollaborazzjoni ma' l-Arcipriet. Huwa spjega li l-Budget ghal din is-sena ma' jippermettix li jsir l-istess bhas-sena u ghalhekk gie deciz li ser jiltaqa' mall-persuni responsabbli minn dan is-Summer Club sabiex jara x'kollaborazzjoni tista' ssir ghal din is-sena.

7.3 Saret diskussjoni dwar il-festival ta' Seher il-Punent li kien ippjanat li jsir f'Mejju 2014. Gie innotat li wara l-kambjamenti li kien hawn dan l-ahhar fil-Kunsill ser ikun daqsxejn difficli li jsir f'dan il-perijodu ghaliex m'ghadx baqa' zmien bizzejjed. Is-Sindku spjega li ser jigi ikkuntatjat id-Dipartiment sabiex jara jistax isir iktar il-quddiem possibilment amalgamat ma' Jum l-Gharb jew f'Settembru. Il-Kunsill qabel dwar dan. Emanuel Muscat issugerixxa sabiex waqt dan il-festival isir it-Tieg ta' Carmen Abdilla li jista' jitella' bil-kollaborazzjoni ta' grupp mix-Xaghra.

7.4 Is-Sindku spjega lill-Kunsill li jrid jiggeded il-kuntratt tal-latrina ta' Triq Trux. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jiggeded.

7.5 Giet trattata kwotazzjoni minghand Gordon Gatt li tammonta ghal €75 sabiex isir pest control gewwa l-ufficcju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz ghandu jsir.

7.6 Gie diskuss id-dawl tal-pont ta' Triq Sdieri sabiex jigi mixghul. Il-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti ma' l-Enemalta dwar kif jista' jehel meter sabiex dan ikun jista' jinxtghel.

7.7 Is-Sindku spjega li l-funtana ta' Pjazza Gerano tinstab attwalment mitfija u hemm bzonn li jitwahhal meter ta' l-ilma gdid biex il-pompa tkun tista' tahdem kif suppost. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir applikazzjoni ghal meter ta' l-ilma.

7.8 Saret diskussjoni dwar ir-roundabout li hemm fil-Pjazza minhabba li t-traffiku qieghed jghaddi kontra l-linja u minn fuq l-arlogg. Il-Kunsill qabel li ghandhom

jsiru bollards tal-plastic madwarhom li jkunu jinqalghu sabiex jigi evitat li ssir hsara lill-funtana kif kien fil-fatt diga sar fil-passat. Is-Sindku issugerixxa ukoll li ghandha tehel carmera u issir talba lill-Pulizija sabiex isir kontrol minhabba li hemm abbuz ta' persuni li qeghdin jghaddu hazin anke persuni lokali u dawn ghandhom jigu imharka. Emanuel Muscat staqsa dwar x'tip ta' bollards kien qieghed jigi propost li jitwahhlu fejn is-Sindku spjega li ser jitwahhlu qal li simili bhal dawk li hemm imwahhla fir-Rabat Ghawdex li jkunu twal madwar metru peress li dawk iz-zghar mhumiex tajbin. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom isiru.

7.9 Saret diskussjoni dwar xoghol ta' patching ghal xogholijiet tal-Water Services Corproation fejn is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien ikkuntatja lill-Kunsill tax-Xewkija sabiex jghaddu kopja tal-kwotazzjoni li kienet inhareg biex tigi adattata wahda ghall-Kunsill ta' l-Gharb. Is-Sindku spjega li l-Water Services Corporation jaghtu €50 ghal kull trinka li ssir. Sar qbil li l-Kunsill ghandu johrog sejha ghall-kwotazzjoni u wara tinkiteb ittra lil Water Services Corporation biex tintuza din il-kwotazzjoni.

7.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill li inharget is-sejha ghar-resurfacing ta' Wied ir-Raghab u li ser taghlaq fit-12 ta' Mejju, 2014.

7.11 Saret diskussjoni dwar il-laqgha li saret fl-24 ta' Marzu mall-Ministeru ghal Ghawdex fejn is-Sindku ta' spjegazzjoni taghhom peress li Carmen Vella ma kienetx prezenti u Shirley-Anne Cecchini kien ghada mhijiet Kunsilliera.
Giet diskussa r-resurfacing ta' Triq Tumas Cassar fejn sar qbil li ghandha tinkiteb ittra lill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex meta jsir ix-xoghol fuq Triq Tumas Cassar din tinfetah biex tinghaqad ma' Triq Dun Alwig Mizzi.

Saret diskussjoni ukoll dwar l-iskema ta' xoghol ta' l-20 siegha fejn il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba lill-Ministeru sabiex jinghataw haddiema li applikaw taht din l-iskema.

Sar qbil ukoll sabiex tintbghat site plan lill-Ministeru ghal Ghawdex dwar Wied ta' Gulja li kien gie diskuss waqt din l-imsemmija laqgha sabiex isir it-tindif tieghu.

Il-Kunsill iddiskuta ukoll il-progett li qieghed isir mis-Santwarju ta' Pinu fejn il-Kunsill qabel li ghandha tintalab laqgha ma' Fr. Gerald Buhagiar sabiex jigi diskuss dan il-progett.

Emanuel Muscat qal li tkellem mas-Surmast ta' l-Iskola Primarja ta' l-Gharb fejn qal li s-sala ta' l-iskola tista' tigi ulitizzata mill-Kunsill jekk la darba jigi iffirmat agreement mall-Kunsill kontra ghajnuna li l-Kunsill jaghti lill-Iskola. Emanuel Muscat issugerixxa sabiex il-partecipanti jaghtu fee bejniethom. Is-Sindku spjega li huwa ser jiltaqa' mas-Surmast sabiex din tigi diskussa.

7.12 Saret diskussjoni dwar l-Isqaq ta' fejn il-kazin tal-Banda fejn kien sar qbil mall-Ministeru ghal Ghawdex li ser jghinu lill-Kunsill billi jaghtu surface bic-cement lil

dan ic-cement. Is-Sindku spjega li fil-perijodu fejn il-Kunsill ma kienx hemmx Sindku Emanuel Muscat kien talab is-servizz tal-haddiema sabiex isir patching bic-cement f'dan l-imsemmi Sqaq fejn l-Vici Sindku Carmen Vella kienet infurmat lil Emanuel Muscat li din hija materja li ghandha tigi diskussa mill-Kunsill. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li din kienet materja li giet diskussa mall-Ministru ghal Ghawdex u l-ebda Kunsillier ma kellu dritt li jiehu l-affarijiet f'idejh jekk ma jkunx mitlub mis-Sindku. Is-Sindku wera d-dispjacir tieghu b'mod partikolari ghaliex meta s-Sindku precedenti Louis Apap kien talab xi cement huwa ma kienx moghti u kellu jinxtara mill-Kunsill filwaqt li f'dan il-kaz Emanuel Muscat kien ser igib ic-cement. Emanuel Muscat qal li c-cement ma kienx inghata minhabba li ma kienx hem tender. Kien spjegat li r-raguni li inghatat mill-ufficjali tac-CMU kienet li il-Kunsill jaqbillu jixtrieh ghaliex is-CMU jixtruh aktar bil-gholi. Is-Sindku kompla billi spjega bi qbil mall-Ministru l-Isqaq ta' fejn il-kazin tal-Banda kellu jigi resurfaced u mhux patching.

7.13 Is-Sindku gibed l-attenzjoni fuq l-appuntament li kellu jsir mas-Sur Joe Mifsud fejn huwa kif mitlub mis-Sindku Louis Apap kien ghamel kuntatt sabiex isir appuntament u tigi diskussa l-materja tal-Muzew tal-Knisja meta f'daqqa wahda s-Sur Mifud infurmah li kien sar appuntament fejn attendew ghalih Emanuel Muscat, Lisa Marie Brooke u l-Arcipriet. Huwa qal li kif spjega precendentament dawn l-azzjonijiet mhux ser jigu ittollerati iktar. Is-Sindku spjega li dan l-appuntament ghandu jigi iffissat mill-Kunsill. Is-Sindku talab lil Emanuel Muscat jinfurmah dwar il-feedback li inhareg mil-laqgha fejn huwa infurmah li kienu gew diskussi l-impjegati pero' hadd ma kien applika u l-headphones.
Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien ser jaghmel appuntament ma' l-Arcipriet u ser jiddiskuti din il-materja direttament mieghu.

7.13 Saret diskussjoni dwar il-patching ta' Triq San Pietru, liema materja kienet giet diskussa ukoll waqt il-laqgha mal-Ministru peress li t-triq qeghda fi stat hazin. Il-Kunsill qabel li ghandha tinkiteb ittra lis-Sur Lorry Apap, lid-Direttur Joseph Portelli u lil Perit Angelo Portelli.

7.14 Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-bankina ta' Triq il-Knisja tal-familja Debrincat kienet saret laqgha fuq il-post fejn il-kuntrattur P&J Debono kellu jaghtina stima tax-xoghol sabiex jigi mghoddi l-cable u sabiex issir il-bankina. Ser jigi ikkuntatjat il-kuntrattur sabiex jghaddi l-istima lill-Kunsill.

7.15 Emanuel Muscat staqsa dwar f'hiex wasal ix-xoghol tal-Kampnar tal-Knisja fejn is-Sindku spjega li l-kuntrattur qieghed jibdew il-gebel li huwa kbir u mhux facli li tibdlu u apparti hekk kien hem problema bil-maltemp. Huwa kompla billi spjega li l-Kunsill irid jara l-costings sabiex jigi identifikat jekk baqax flus peress li dan il-progett irid jaghlaq sa l-ahhar ta' Gunju.

7.16 Gie spjega li ser jintalab il-kuntrattur Refalo sabiex jghatti t-toqob li kien ghamel fiz-zuntier sabiex jghaddi d-dawl tal-faccata.

7.17 Saret diskussjoni dwar it-toqob ta' l-arbli tal-festa fejn il-Kunsill qabel li ser jintalab haddied sabiex isiru ohrajn godda.

7.18 Emanuel Muscat staqsa dwar l-arm tal-bozza ta' Triq Frenc ta' l-Gharb kantuniera ma' Triq id-29 ta' Awissu 1679 fejn din qeghda hazing ghal-armar tal-festa. Il-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti mall-Kumitat tal-festa u f'kaz ta' bzonn din tinbidel.

7.19 Emanuel Muscat semma li kien hemm problema fi Triq il-Gdida peress li l-vetturi qeghdin jghaddu b'velocita' kbira.

7.20 Emanuel Muscat semma li l-familja Zahra ta' Triq Molina kienet qed tilmenta ghax trid l-Monument ta' Pjazza Praga jitnehha. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma kien wasal ebda ilment u meta tpogga dan il-monument kien hemm qbil mall-familja Zahra li jekk ikunu iridu jaghmlu xi xoghol strutturali fuq il-post ghandhom jinfurmaw lill-Kunsill u dan jitharrek.

7.21 Emanuel Muscat staqsa dwar is-sitwazzjoni tad-dawl tac-Cimiterju. Is-Sindku spjega li ser jiehu update u jara f'hiex waslet is-sitwazzjoni u huwa tal-fehma li jistghu jsiru sensors sabiex jekk ikun hemm movement wara li tinsel ix-xemx is-security cameras ikunu jistghu jahdmu sewwa. Is-Sindku spjega li kienet saret Minor Amendment mall-MEPA fuq talba ta' l-Arcipriet sabiex wahda mill-kmamar li hemm fic-cimiterju titnehha.

7.22 Is-Sindku irrefera ghall-incident li gara ma' l-istaff meta ma kienx hemmx Sindku u l-Vici Sindku Carmen Vella kienet qed tiehu hsieb hi. Huwa gibed l-attenzjoni li l-impjegati tal-Kunsill ikunu diga under pressure minhabba x-xoghol u dawn ghandhom jithallew ikomplu xoghol fil-kwiet. Is-Sindku talab sabiex issir appologija f'dan ir-rigward. Emanuel Muscat spjega li huwa kien diga talab apologija dwar dan u huwa ma kienx qabel dwar kif saret l-ghazla taz-zghazagh ghaz-zjara ta' Enna. Is-Sindku spjega li dan kien gie spjega iktar kmieni fil-laqgha dwar kif kienet saret l-ghazla u materji bhal dawn ma ghandhomx ikunu diskussi mall-impjegati imma waqt laqgha tal-Kunsill.

7.23 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet qeghda issir applikazzjoni ghall-fondi mill-EU sabiex jinghataw fondi ghall-organizazzjoni ta' festivals.

7.24 Emanuel Muscat staqsa dwar l-email li huwa kien bghat lill-Kunsill dwar il-ground tal-football. Is-Sindku spjega li din kienet saret decizzjoni mill-Kunsill. Huwa qal li b'dan il-mod il-ground ser ikun jista' jospita' kompetizzjonijiet ta' taht it-18 'il sena. Is-Sindku zied jghid li din l-ittra ma tista' qatt titnizzel mall-minuti tal-laqgha ta' qabel peress li waslet ghand il-kunsill wara l-laqgha. Zied jghid li it-talba li din l-ittra titnizzel mall-minuti rikjesti hija skorretta.

7.25 Is-Sindku informal ill-Kunsill li kienet saret talab mill-Kempinski Hotel sabiex isir Clean Up fejn il-Kunsill qabel li ghandu jghin u jipprovdi l-materjal sabiex isir dan.

7.26 Is-Sindku qal li ser jitwahhlu l-bollards ta' Wied il-Mielah li kienu gew approvati precedentament.

7.27 Is-Sindku spjega ukoll li ser jintalbu kwotazzjonijiet sabiex possibilment isir membrane fuq is-saqaf tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.28 Is-Sindku spjega ukoll li kellu appuntament ma' l-Gharb Rangers F.C minhabba s-sitwazzjoni tal-Leisure Park, Playing Field u Complex fejn sar qbil li l-Gharb Rangers F.C. ser jiehdu hsieb il-complex filwaqt li l-Leisure Park u Playing Field ser jitnaddfu mill-haddiem Raymond Rotin. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandhom jingabu l-kwotazzjonijiet sabiex isir il-gate bejn il-Leisure Park u l-ghalqa sabiex jigu evtati perikli.

**8.0 Aggornament**

2.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 14 ta' Mejju, 2014.

2.2 Il-laqgha spiccat hin 5.55pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Deputat Segretarju Ezekuttiv